# SENGLEA: Fl-Identità tal-Kelma li Toħroġ mill-Fomm

*Esperjenzi b'Riċerka ta' Charles Coleiro Dip. Cult.H (Krakow) MQR*

Meta wieħed jisma' bil-kelma Kottonera il-ħsieb imur kollettivament għat-tliet ibliet tal-Isla, Bormla u l-Birgu b'żieda mal-lokalità tal-Kalkara li tmiss mal-Birgu.

Dawn il-bliet għandhom ġrajjiet ta' importanza kbira fl-Istorja ta' Malta u komplew żejnu l-Ktieb tal-Istorja bis-sehem li taw għar-Rebħa ikonika tal-Assedju tal-1565 bir-raġun imsejjaħ "il-Kbir" iżda bil-mertu mistħoqq għall-protagonisti ta' din ir-Rebħa, bl-ewwel belt iġġib in-nomenklatura tal-Belt Rebbieħa u l-peniżola tal-Isla li baqgħet magħrufa bħala l-Belt Qatt Mirbuħa.

Belt tinqata' mill-isem ta' raħal mhux biss minħabba n-nuqqas ta' ħajja agrikola bil-ħidma tal-abitanti aktarx marbuta mal-biedja u s-sajd. Hekk li belt ma togħliex b'dan il-ġieħ b'daqqa ta' pinna. Kuntrarju għal titlu f'uħud mill-irħula f'Malta li jġibu l-isem onorarju ta' belt, mogħti minn Gran Mastru tal-Ordni, kienet l-istess popolazzjoni tal-Kottonera li sawret id-differenza minn raħal u zona urbana. Dawn l-istess nies ħargu b'identità li tiddistingwihom mill-bqija tal-poplu li jgħix f'dawn il-Gżejjer. Il-karatteristiċi li jsawru u jitilgħu għall-ġieħ ta' belt jidħlu fil-qalba ta' kull fergħa tal-arti u t-tradizzjoni minn żminijiet bikrija, drawwiet fil-ħajja ta' kuljum b'distakk minn abitanti oħra, il-lingwa mitħaddta bi frażijiet u kliem li jidħlu fl-oqsma ta' parlar djalettali u xi kliem ieħor mibdul fit-totalità tiegħu mill-għeruq semitiċi tal-Malti għaliex magħluqa bis-swar inqatgħu ukoll mill-ħajja rustika tal-kampanja..

Id-differenza għalhekk mhijiex f'dak li jissejjaħ "Malti mgħawweġ" li jidħol fil-kliem djalettali mitħaddet ta' bosta mill-irħula iżda hija l-kelma nfisha magħġuna b'influwenzi urbani u kosmopolitani li jinqatgħu mill-bqija tal-popolazzjoni.

Fuq dawn ilkwalifiki l-Isla tista' toħroġ diżżjunarju mdaqqas b'vokabularju għalih. Il-kawża ta' din il-bidla mill-għeruq tal-lingwa nistgħu nsibuha fl-istudju tal-antropoloġija u l-episodji li kitbu l-istess abitanti fiż-zona ta' din il-belt marittima b'influss ta' nies barranin, insejħulhom immgranti li għażlu jiġu joqgħodu l-Isla. Jekk wieħed jifli mill-qrib l-għadd ta' kunjomijiet ta' xi familji, abitanti ta' din il-belt, wieħed jiltaqa' ma' kunjomijiet sinonimi ma' pajjiżi oħra ġirien jew oħrajn f'pajjiżi tal-Ewropa fil-maġġoranza b'rabta wkoll ma' ħajja marittima. Niltaqgħu ma' kunjomijiet tal-eks Jugoslavja bħal *Stanicic,* oħrajn ta' nisel Taljan li wasal għandna minn Sqallija, *Schiavone, Panzavecchia, De Martino* u oħrajn bħal tal-aħħar, bil-prefiss 'De' li jfissrer 'iben ta'..." jew mill-familja ta' Martin jew ta' Gabriele eċċ. Hemm ukoll kunjomijiet li għandhom rabta mal-pajjiż jew belt minn fejn kienu ġew bħal *Delicata* (mill-belt ta' Licata) u *Pisani* minn Pisa. Aktar kunjomijiet b'laqta barranija, *Rutzen,* kunjom aktarx mill-Ġermanja u eżempju ieħor *Imbroll* li sab ruħu l-Isla ! Mal-miġja tal-Ingliżi nsibu wkoll kunjomijiet li jfakkruna fl-abitanti tal-Isla mnissla minn razza ta' nies li daħlu aktrx mal-ħidma tar-*Royal Navy* jew ma' xogħol ieħor meta bdiet taħdem it-tarzna b'ħidma mibdija bil-moviment tal-flotta Brittanika fil-Mediterran u l-progress li ġab il-ftuħ tal-Kanal tas-Swejz. Il-kunjomijiet *Clews* u *Thake* biex nieħdu tnejn ifakkruna f'familji Sengleani.

Dan it-taħlit ta' razez ma ġabx biss bidla fil-kunjomijiet iżda daħal ukoll fil-lingwa tal-Maltin bi kliem li seta' jiġi pronunzjat skont it-tendenza ta' lingwi oħra u minn fejn oriġinaw dawn l-hekk imsejħa 'immigranti'.

Jekk nieħdu l-lingwa Taljana fejn l-ittra Q ma tidhirx u ma tidħolx fid-dizzjunarju, l-isforzi tal-barranin biex tinstema' fil-lingwaġġ Malti biddluha biex tibda tinstema' K. Bi sforz gutturali li jxaqleb lejn is-Semitiku meta xi wħud ilissnuha bil-Q mal-K biex tinstema› *kalbi* b'taħlita taż-żewġ konsonanti. Kliem ieħor li daħal fi-djalett tal-Isla u fl-ibliet l-oħra tal-Kottonera huma dawk il-kelmiet fejn tidħol l-*GĦ (l-għajn) – tiegħu, miegħi, tiegħi)* li f'kull każ l-GĦ din hija mwarrba biex tinstama' *tiji* u *miji, itilu, driji, niltaqu* u l-bqija. Fl-istudju ta' dan il-lessiku, intenni li nsibu wkoll preżentazzjoni ta' kliem b'influwenza Taljana naturalment importat minn barranin li ġew Malta u b'mod partikulari għażlu jiġu l-Isla. In-numri u l-ismijiet tat-toroq kienu u ftit jew wisq għadhom mitkellma bit-Taljan b'xejra Maltija; hekk li bħala eżempju in-numru erbgħa li minn *quattro* sar *kwattru* u d-disgħa u sittin beda jissejjaħ *sei* bin-*novi* waqt li l-għaxra fid-diskors insibuh *id-dieċi.* Hekk ukoll l-ismijiet tat-toroq u l-pjazez għadna ngħiduhom bit-Taljan *Strada due Porte.* Dawn l-eżempji ma jfissirx li niltaqgħu magħhom biss fil-lingwa mitkellma tal-Isla u l-inħawi tal-madwar għaliex wieħed jista' jismagħhom xi drabi wkoll f'distretti oħra bħal Raħal Ġdid b'abitanti ġejjin mill-Kottonera. Hemm ukoll zoni oħra urbani u xi rħula iżda b›inqas frekwenza f'Għawdex li baqa› aktar safi fil-kelma Maltija. Forsi l-aktar bidla li ġabu l-barranin fl-inħawi tal-Kottonera u fil-każ tagħna tal-Isla hija lista sħiħa

ta› kliem b'bidla mill-għeruq. Nieħu xi eżempji li niftakar b'esperjenza persunali kif kont nisma' n-nanna u membri tal-familja jgħiduhom: *arbulat* minflok bilwieqfa, *tistalla* minflok tieqaf, *strapontin* minflok saqqu, kutra li tinbidel għal *xkavina, purkan* għall-kutra ta' fuq is-sodda (*bed cover*) *gioventù* minflok ġuvintur, *cuciniera* għal kelma spiritiera, *balomba* skont kif kienu jgħiduha, l-aktar fil-gwerra minflok 'is-sirena' u għall-ħoss li tagħmel waqt li timmarka l-ħin, fit-Tarzna. Ċerti kliem ukoll ingħataw verżjoni korrotta bħal *kanolla* mqabbla mal-kelma seħbitha kolonna u *boxxla* għal dik li nafu bħala l-antiporta għalkemm din aktar ixxaqleb lejn tifsira Taljana. Għad hemm il-frażi *ħareġ bil-pjazza* għal min jasal fl-eta› tal-pensjoni b›messaġġ aktarx li beda jgħaddi ż-żmien liberu tiegħu ma' sħabu l-oħra jgħidu xi kelma. Il-pjazza tidħol bħala punt ta' riferenza għal min irid jgħid kelma.

Hemm imbagħad mod ieħor ukoll fl-ismijiet komuni li dari aktar mil-lum kont issibhom fil-familji. Dawn li ġejjin għandhom bħal eku tal-istess kelma meta xi ħadd isejjaħ lil xi ħaddieħor b›ismu. Sibna li *ĠoĠo* ġejja mill-isem Joey – Ġużeppi. Ismijiet b›nom doppju kont tismagħhom fl-Isla, bħal MerMer għall-isem tant komuni, Marija (Mary) *ToTo* għal Toninu u b'varjant minn ta qabel l-isem *Peppa* u *Żeża* minflok Ġużeppa u Tereża. Terġa' l-ismijiet tal-ġenituri, żijiet u l-bqija kellhom ukoll karatteristika li taqlagħhom minn oħrajn f'imkejjen oħra ta' Malta. Kont tisma' li isem in-nannu jinbidel u jiżdied bi prefiss bħal *Il-Pa Wenz* (għal missier missier xi ħadd) u l-parrinu li kien jgħammed lit-tarbija kienu jsibuh bħala *xbin* u l-parrina *xbint.*

It-tagħrif li wassalt jagħti biss ħjiel tal-identità u l-karatteristiċi ewlenin tan-nies tal-Isla b'evoluzzjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra sa mill-bidu tat-twelid ta' din il-belt li minkejja ċ-ċokon tagħha kabbret isimha f'kull taqsima tal-ħajja soċjali. Aktar minn hekk din il-belt naqqxet identità lessigrofa, b'damma ta' kliem li ġarrew magħhom is-Sengleani kull fejn marru joqgħodu., effett li ħalliet l-aħħar gwerra dinjija. Ħasra li kunjomijiet ta' wħud mill-aqwa familji Sengleani li għamlu isem tiltaqa' magħhom mifruxa ma' Malta kollha u waqqgħu il-fama tal-foħrija li twaħħlet mal-Isla għax ftit li xejn baqgħu jiftaħru li l-għeruq tagħhom bdew mill-Isla!

Synopsis of the article by Charles Coleiro

Most villages in Malta and Gozo have retained their identity where the Maltese spoken word, proverbs and idioms. are concerned. In urban districts, however the language practised is referred to as "standard Maltese" but the inhabitants of the three cities in the Cottonera area have managed to add a few words and phrases to the vernacular mostly originated from foreign roots as spoken from merchants and tradesmen who had opted to settle on the shores of the inner harbour area with Senglea taking first preference. The ensuing pen-portrait is a short study of anthropology pin-pointing some of the twisted forms of the Maltese language as is still spoken in some of the residents of this maritime city. A twin section also denotes the origin of foreign surnames inherited through migrating settlers.



***Charles Coleiro ma' Josephine Zammit Cordina fl-okkażjoni tal-Akkademja Mużiko-Storika f'għeluq il-mitejn sena tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina l-Isla fis-26 t'Awissu 1986.***